MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Numru 34/2013

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Herman McKay

Illum 10 ta' Lulju, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Herman McKay, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru: 0590483M fejn l-Avukat Generali, permezz tal-Att ta' Akkuza bin-numru 34 tas-sena 2013, pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-28 ta' Dicembru, 2013.

Fejn fl-ewwel u l-uniku kap l-Avukat Generali ppremetta illi:

Illi nhar is-Sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena Elfejn u Sebgħa (2007), il-Pulizija rċeviet informazzjoni kunfidenzjali li persuna magħrufa bħala "Mc Kay", li kienet qegħdha tagħmel użu minn vettura *Mercedes* ta' lewn iswed, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBO-270, kienet qegħdha tittraffika d-droga fi Triq is-Serkin, il-Marsa;

Illi malli rċevew din l-informazzjoni, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs), il-Pulizija aċċedew ġewwa t-Triq imsemmija (u cioe' Triq is-Serkin, il-Marsa) fejn hemmhekk raw grupp żgħir ta' żagħżagħ miġbura. Malli dawn iż-żagħżagħ lemħu lill-Pulizija, bdew jitferrxu, izda l-Pulizija rnexxielhom iwaqqfuhom u jkellmuhom. Fost dawn il-persuni kien hemm l-akkużat Herman Mc Kay;

Illi malli l-Pulizija bdew ikellmu lill-akkużat Herman Mc Kay, dan poġġa ma' l-art u ħin minnhom ipprova jarmi ċavetta ta' vettura *Mercedes*. Il-Kuntistabbli tal-Pulizija li kien qieghed ikellem lill-akkużat Herman Mc Kay ġabar din iċ-ċavetta, u, flimkien ma' l-istess Herman Mc Kay resaq lejn vettura tat-tip *Mercedes*, ta' lewn iswed, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBO-270, li kienet parkeġġjata fuq il-post. Il-Kuntistabbli tal-Pulizija għafas il-buttuna fuq iċ-ċavetta li kien ipprova jarmi l-akkużat Herman Mc Kay, u l-vettura msemmija (cioe' l-vettura tat-tip *Mercedes*, bin-numru tar-reġistrazzjoni FBO-270), infetħet (fis-sens li ma baqgħetx imsakkra);

Illi kif appena l-vettura ma baqgħetx imsakkra, l-akkużat Herman Mc Kay dlonk fetaħ il-bieba, u f'ħakka t'għajn daħal fil-vettura minn tulu, fetaħ il-kompartament ta' taħt l-*arm rest* tan-nofs, u minn hemmhekk ħareġ borża kannella. Minn din il-borża ħareġ żewġ boroż oħra, ċarrat waħda minnhom, u ferrex il-kontenut tagħha – trab ta' lewn kannella - fit-triq, liema triq kellha wiċċ imħarbat (bla *tarmac*). L-akkużat Herman Mc Kay ipprova jagħmel l-istess ħaġa bil-borża l-oħra, iżda l-Pulizija rnexxielhom jeħduhielu;

Illi l-akkużat Herman Mc Kay ġie arrestat u x-xena tar-reat ġiet ippriżervata sakemm waslu l-esperti forensiċi u għamlu x-xogħol tagħhom;

Illi fil-pussess ta' l-akkużat Herman Mc Kay instabu tliet (3) *mobile phones,* u, fuq il-persuna tiegħu instabu tmien mija u sittax-il Lira Maltin (LM816), [l-ekkwivalenti ta' ċirka elf u disa' mitt Ewro (€1,900) ta' llum], fi flus kontanti;

Illi wara eżamijiet li saru mill-Ispiżjar maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti fuq it-trab kannella li kien il-kontenut tal-boroż li kienu fil-pussess ta' l-akkużat Herman Mc Kay, inkluż dak li ġie mferrex fit-triq, irriżulta li dan it-trab kannella, f'ammont nett ta' ħames mija u tmienja u tletin punt sittax grammi (538.16g) kien sustanza Herojina. Il-purita' medja ta' din il-Herojina kienet ta' ċirka 23.1%, bil-prezz bl-imnut ta' din id-droga perikoluża jammonta għal erba' w għoxrin elf, seba' mija u ħamsa u ħamsin Ewro (€24,755);

Illi d-droga Herojina hija droga speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-akkużat Herman Mc Kay ma kellux awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet IV u VI ta' l-Ordinanza msemmija, u ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas ma kien b'xi mod ieħor bil-liċenzja

mill-President ta' Malta jew xort'oħra awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu;

Illi ċ-ċirkostanzi fuq deskritti u li fihom instabet din is-sustanza Herojina fil-pussess ta' l-akkużat Herman Mc Kay juru li din id-droga perikoluża ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;

Illi l–akkużat Herman Mc Kay instab ħati diversi drabi b`sentenzi mogħtija mill-Qrati Maltin, fosthom b'dik tas-Seba' (7) ta' Jannar tas-sena Elfejn u Erbgħa (2004) mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl–ismijiet: *'Il-Pulizija (Spettur Stephen Mallia) vs. Herman Mc Kay et.'* liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mħassra jew mibdula;

Illi inoltre l-akkużat Herman Mc Kay ikkommetta r-reat mertu ta' dan l-Att ta' Akkuża waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-Tnejn (2) ta' April tas-sena Elfejn u Erbgħa (2004), fl-ismijiet: *'Il-Pulizija (Spettur Paul Bond) vs. Herman Mc Kay'*, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mħassra jew mibdula.

Illi b'għemilu l-imsemmi Herman Mc Kay sar reċidiv, u ħati talli kellu fil-pussess tiegħu id-droga perikoluża Herojina, li hija droga speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta) u li għaliha tapplika t-Taqsima VI ta' l-istess Ordinanza, meta l-istess akkużat Herman Mc Kay ma kellux awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza msemmija, u ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornuta lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, b'dan illi r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, fatti u żmien hawn fuq imsemmija f'dan il-Kap uniku t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Herman Mc Kay, reċidiv f'delitt u ħati talli fis-Sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena Elfejn u Sebgħa (2007) kellu fil-pussess konxju tiegħu id-droga Herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornuta lilu għall-użu tiegħu

skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Herman Mc Kay, u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta` mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a), 22(2)(a)(i), 22(3A), 22(7), 22(A), 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta); fir-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi; u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23Ċ, 28B(1), 28B(2), 28F, 31, 49, 50, u 533 tal-Kodici Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat ipprezentati fl-erbatax (14) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014) fejn eccepixxa illi:

1. Illi l-Att t' Akkuza 34/2013 fl-ismijiet premessi huwa null u bla effett stante illi l-akkuzat qatt ma tqieghed, fl-gheluq tal-kumpilazzjoni, taht Att t' Akkuza ai termini tal-Artikolu 401 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) u stante li dan huwa nuqqas li jgib mieghu in-nullita' u t-twaqqif tal-proceduri ai termini tal-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali (Kap 9). Illi mill-atti jirrizulta, fol 108 illi minflok ma l-akkuzat tqieghed taht att' ta' akkuza permezz tad-digriet opportun, sar rinviju normali ai termini ta' dispozizzjoni differenti taht l-artikolu 405 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) u ghaldaqstant l-akkuzat jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara l-Att ta' Akkuza fl-ismijiet premessi null u tordna t-twaqqif tal-proceduri.

2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-proceduri fl-ismijiet premessi huma nulli perress li difettuzi stante illi l-ordni tal-Avukat Generali ma giex prezentat fil-bidu tal-proceduri liema ordni huwa essenzjali sabiex jigu istitwiti proceduri fil-kazijiet ta' drogi stante illi skond l-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jindika illi huwa l-Avukat Generali illi jordna quddiem liema qorti il-persuna ghandha titressaq u ghaldaqstant huwa evidenti illi dan l-ordni ghandu jigi prezentat qabel ma jibdew il-proceduri u huwa essenzjali ghal-validita' tal-istess proceduri u illi invece fil-kaz odjern, l-ordni tal-Avukat Generali gie esebit fi stadju inoltrat tal-proceduri (fol 139) wara li d-difiza kienet dakinhar stess oggezzjonal ghal prezentazzjoni tal-istess dokument u illi l-akkuzat jirriserva li jissoleva ilmenti kostituzzjonali dwar l-istess ordni fil-mument opportun, in liena mad-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem John Camilleri vs Malta.

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju r-relazzjoni tal-espert l-ispizjar Mario Mifsud ghandha tigi sfilzata stante illi l-analizi li saret fuq is-sustanza hija wahda skorretta u ta' pregudizzju kbir ghal-akkuzat u dan peress illi kif jirrizulta mix-xhieda ta' Godwin Sammut a fol 189 ma sarx ezercizzju sabiex tigi separata id-droga mit-trab li ngabar mill-art u peress illi ma sarx dan il-process, ir-rizultanzi tal-istess perizja huma skorretti u ta' pregudizzju kbir ghal akkuzat. Huwa evidenti illi l-ammont indikat mill-ispizjar jinkludi ammont sostanzjali ta' trab li ngabar mill-art u li qatt ma gie separat mid-droga u li dan ghandu impatt ukoll fuq in-natura tal-akkuzi addebitati u illi l-kwestjoni tal-ammont setghet kienet relevanti ghal akkuzi kif mahruga mill-prosekuzzjoni liema akkuzi ghaldaqstant huma bbazati fuq premessi rizultanti minn skorrettezzi fl-analizi tas-sustanza.

4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-Att ta' Akkuza fl-ismijiet premessi huwa null ai termini tal-artikolu 589(c) stant illi abbazi tas-sottomissjoniji enumerata (3) l-ammont tad-droga indikat fl-imsemmi att ta' akkuza huwa wiehed skorrett stante illi jinkludi fih ukoll ammont possibilment kbir ta' sustanza li ma hijiex droga izda semplicement trab migbur mill-art.

Rat il-verbal tad-disgha (9) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014) fejn l-akkuzat irtira t-tieni eccezzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur kif ukoll tal-ufficcjal prosekutur dwar l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat;

Ikkunsidrat:

Illi f'din l-eccezzjoni l-akkuzat qieghed jeccepixxi n-nullità tal-att tal-akkuza peress illi l-Qorti tal-Magistrati qatt ma ghamlet id-digriet prima facie sabiex l-akkuzat jitqieghed taht att tal-akkuza u minflok sar rinviju normali ai termini tal-artikolu 405 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Jidher illi din il-kwistjoni kollha bdiet peress illi ghal xi raguni kien hemm xi atti neqsin minn dan il-process u kellu jigi rikostitwit mill-gdid. Wara dan sar rinviju ta' hamest ijiem fejn il-Qorti tal-Magistrati kellha tibda l-process kollu mill-gdid. Dana sar u l-procedura adoperata mill-ewwel Qorti kienet wahda korretta sakemm giet ghad-digriet finali fejn kellha tordna illi l-akkuzat jitqieghed taht att ta' akkuza. Dana qatt ma sar u minflok il-Qorti ghamlet digriet normali ta' rinviju. Issa, l-artikolu 597(4)

jghid illi l-att tal-akkuza ma jistax jigi attakkat minhabba difett fl-atti tal-kumpilazzjoni "... hlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport tal-ufficcjal tal-pulizija jew tal-ezami tal-imputat jew tad-decizjoni li tiddikjara lill-imputat ghandu jitqieghed taht att tal-akkuza." Dan huwa proprju dak li gara f'din il-kawza peress illi hemm in-nuqqas ghal kollox tad-decizjoni li tiddikjara li l-imputat ghandu jitqieghed taht l-att tal-akkuza. Dan in-nuqqas kwindi jwassal ghal difett formali fl-att tal-akkuza illi ma jistax jigi sanat u din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief illi tilqa' din l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat u tiddikjara l-att tal-akkuza null u bla effett. Din id-decizjoni però ma ggibx il-liberatorja tal-akkuzat izda jigi imqieghed fl-istess stat li kien qabel ma gie ipprezentat l-att tal-akkuza u dana fl-isfond tal-artikolu 449(6) tal-Kap 9.

Tordna ghalhekk li l-atti jergghu jintbaghtu lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tiehu d-decizjoni li tiddikjara illi l-akkuzat ghandu jitqieghed taht att tal-akkkuza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------